**Meta Jaqa' d-Dlam**

Music: Noel Zammit
Words: Mariella Chetcuti
Band: FYC Crossbows

Fit-triqat tal-ħajja tagħna
Nippruvaw nimxu b'kuraġġ
Iżda d-dawl mhux dejjem jiddi
U tax-xemx ifeġġ ir-raġġ

Ġieli wara s-sħab jinħeba
Id-dawl tal-qamar fiddien
U il-biża` tibda taħkem
U serħan ma nsibu mkien

Iżda darba int għedtilna
Li waħedna mhux se tħallina
U għalhekk ħallejt il-Kelma
Biex tkun id-dawl – id-dawl fit-triq

**Fanal għal riġlejja – hija l-Kelma tiegħek**
**Dawl fil-mogħdija – li rrid nimxi miegħek**
**Kewkba li tmexxini – anke fl-iżjed lejl mudlam**
**Xemgħa li tibqa' tnemnem – u fid-dlam tagħtik serħan**

Aħna lkoll nixtiequ nimxu
Fit-triq li tixtieqna int
W'aħna wkoll irridu nemmnu
F'dawk il-kliem li int lissint

Meta fostna għamilt it-tinda,
U wieħed minna int sirt,
U l-Kelma li tagħti l-ħajja
Lilna ilkoll inti fissirt

Din hi l-Kelma li ħallejtilna
U ta` dan nirringrazzjaw
Billi lejk leħinna ngħollu
U b'vuċi waħda - inkantaw

**Fanal għal riġlejja – hija l-Kelma tiegħek**
**Dawl fil-mogħdija – li rrid nimxi miegħek**
**Kewkba li tmexxini – anke fl-iżjed lejl mudlam**
**Xemgħa li tibqa' tnemnem – u fid-dlam tagħtik serħan**

*Din il-kelma għadha ħajja!*
*U tkellimna għadha llum!*
*Ejja nħallu lill-Ispirtu*
*Idawwalna biha kuljum!*

Fanal għal riġlejja…